MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 2934/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Raymond Xuereb abbazi tal-polza ta' assigur-azzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Raymond Xuereb**

**Vs**

**Lawrence sive Lorrie Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitt centezmi (Lm458.06), danni sofferti mill-attur Raymond Xuereb assiugrat tas-socjeta attrici u li ghalihom ghamlu tajjeb kwantu ghal Lm433.06 il-kumpannija attrici u kwantu ghal Lm25 l-istess Raymond Xuereb in linea ta'

excess payment, bhala rizultat ta’ incident tat-traffiku li sehh fit-8 ta’ Marzu 2002 ghall-habta ta’ 12.10 p.m. gewwa Qasam Industrijali, San Gwann bejn il-vettura ta’ l-attur Raymond Xuereb, bin-numru MDX 827 u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta’ registrazzjoni HAS 668, liema incident sehh unikament tort il-konvenut.

Ra li mill-atti jirrizulta li l-konvenut ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda minn fejn jirrizulta kjarament li l-incident meritu tal-kawza sehh unikament tort tal-konvenut li waqt li kien qieghed isuq it-trukk bin-numru HAS 668 gibed ghal fuq il-vettura misjuqa mill-attur.

Dwar id-danni, dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ erbgha mija u tmienja u hamsin lira Maltija u sitt centezmi (Lm458.06) kif fuq spejgat, bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------